MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2006

Numru. 178/2006

Il-PULIZIJA
(Spettur Francis Micallef)
vs
Darren Charles Aquilina
Francesco Galea
Matthew Farrugia

Illum 14 ta' Gunju 2006

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni in ezami li permezz taghha ngiebu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati u dan talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe kkommettew serq ta' sigaretti, whiskey, tabakk, flus, hwejjeg u oggetti sportivi, ghodod u toys minnn diversi postijiet u cioe fil-lejl ta' bejn it-12 u it-13 ta' Settembru 2005 minn hanut f'hal Luqa ghad- detriment ta' Kim Degabriele, fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awissu 2005

minn club gewwa hal Qormi ghad-detriment tad-dirigenti tal-istess club, fil-lejl bejn is-16 u s-17 ta' Awissu 2005 minn residenza f'Birkirkara ghad-detriment ta' Gaetano Azzopardi u minn garage f' Birkirkara ghad-detriment ta' Antonello Vidal, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, vjolenza numerika u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn LM1,000.000

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Darren Charles Aquilina u Francesco Galea talli wehedhom, fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2005 ikkommettew serq ta' hwejjeg minn go garage fix-Xghajra ghad- detriment ta' Marlene Schembri u talli fit-12 ta' Awissu 2005 ikkommettew serq ta' madum minn gewwa garage fl-Iklin ghad-detriment ta' Ivan Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, mezz u bil-valur, liema valur jeccedi l-Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00.

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Darren Charles Aquilina, Francesco Galea u Matthew Farrugia flimkien, talli fis-16 ta' Settembru 2005 u matul iz-zmien ta' qabel laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghhom in rigward serq kif kwalifikat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-akkuzati mhux hatja tal-akkuza ta' ricettazzjoni u tilliberahom minn din l-akkuza waqt li ssib lill-akkuzati, kollha kemm huma, hatja talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe kkommettew serq ta' sigaretti, whiskey, tabakk, flus, hwejjeg u oggetti sportivi, ghodod u toys minnn diversi postijiet u cioe fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Settembru 2005 minn hanut f'hal Luqa ghad- detriment ta'

Kim Degabriele, fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Awissu 2005 minn club gewwa hal Qormi ghad-detriemnt tad-dirigenti tal-istess club, u fil-lejl bejn is-16 u is-17 ta' Awissu 2005 minn residenza f'Birkirkara ghad-detriment ta' Gaetano Azzopardi u minn garage f'Birkirkara ghad-detriment tal Antonello Vidal, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, vjolenza numerika u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn LM1,000.00.

Rat l-artikoli 18, 261 (a) (b) (c) (f), 262 (b), 263, 264 (1), 265, 266, 267, 270, 276, 277(b), 279 (b), 280 (2) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligjijiet ta' Malta.

Issib lill-akkuzati <u>Darren Charles Aquilina u Francesco Galea</u> <u>hatja</u> talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2005 ikkommettew serq ta' hwejjeg minn go garage fix-Xghajra ghad- detriment ta' Marlene Schembri u talli fit-12 ta' Awissu 2005 ikkommettew serq ta' madum minn gewwa garage fl-Iklin ghad-detriment ta' Ivan Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, mezz u bil-valur, liema valur jeccedi l-Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00.

Rat l-artikoli 18, 261 (b) (c) (f), 263, 264 (1), 265, 266, 267, 270, 278(3), 279 (a), 280 (2) u 281 (a) tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligjijiet ta' Malta.

In rigward piena l-Qorti kkunsidrat:
a) L-ammissjoni maghmula mill-akkuzati kollha fi stadju bikri tal-proceduri;
b) Li l-akkuzati kollha kkollaboraw pjenament mal-pulizija fl-invesitgazzjoni tal-kazijiet in ezami, b'tali mod illi r-refurtiva kollha giet irkuprata u moghtija lura lid-derubati (ara l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2006);
c) Li mill-fedina penali rispettivi tal-istess akkuzati jidher li Francesco Galea, sad-data tallum, kellu kondotta nadifa u netta ghal kollox; li Darren Charles Aquilina kien instab hati fl-1998 ta' ricettazzjoni ta' oggetti stmati LM5434.15 u kien inghata il-beneficcju ta' "probation" ghal zmien sitt (6) xhur, oltre reat iehor in rigward sewqan ta' vettura minghajr licenzja, waqt li Matthew Farrugia, li ghad ghandu biss dsatax-il (19) sena bhala eta, kien instab hati ta' tentattiv ta' serq minn vettura kif ukoll ta' hsarat

volontarji fl-istess vettura, sabiex jikkommetti d-delitt ta' serq, oltre ta' sewqan ta' vettura minghajr licenzja.
d) Minn certifikat mediku esebit waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2006 jidher li l-akkuzat Darren Charles Aquilina jbati minn stat ta' ansjeta u hu suggett ghal depressjoni. Konsegwentement qed jinghata t-terapija minhabba tali stat.

Illi ghalhekk wara li kkunsidrat dak kollu premess, il-Qorti tara li:

i) Francesco Galea ghandu jigi kunsidrat bhala 'a first time offender' u jista jisufruwixxi mill-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii) Darren Charles Aquilina u Matthew Farrugia ghandhom jisufruwixxu mill-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali b'applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-istess Kodici in rigward konkors ta' reati u pieni u tal-artikolu 21 minhabba c-cirkostanzi kif hawn fuq esposti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti :

a) Tordna li l-akkuzat Francesco Galea jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn millum.
b) Tikkundanna lill-akkuzat Darren Charles Aquilina u Matthew Farrugia ghall-piena ta' sentejn prigunerija liema piena hi sospiza ghal perjodu ta' erba snin bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor suggett ghal prigunerija fl-istess perjodu ta' erba snin.
c) Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-akkuzati u u informathom dwar x'jigri f'kaz li tinkiser il-kundizzjoni mposta fuqhom.

In oltre il-Qorti tordna li l-atti kollha jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------